2025/1971

29.9.2025

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/1971

tad-29 ta' Settembru 2025

li timplimenta d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK tas-26 ta' Lulju 2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 23(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/413/PESK.

(2) Fl-14 ta' Lulju 2015, iċ-Ċina, Franza, il-Ġermanja, il-Federazzjoni Russa, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti, appoġġati mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ("ir-Rappreżentant Għoli"), laħqu qbil mal-Iran dwar soluzzjoni komprensiva fit-tul għall-kwistjoni nukleari Iranjana. L-implimentazzjoni sħiħa tal-Pjan ta' Azzjoni Komprensiv Konġunt ("PAKK") kellha tiżgura n-natura esklużivament paċifika tan-programm nukleari Iranjan, u tipprevedi t-tneħħija komprensiva tas-sanzjonijiet kollha marbuta ma' kwistjonijiet nukleari.

(3) Fl-20 ta' Lulju 2015, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ("KSNU") adotta r-Riżoluzzjoni 2231 (2015) fejn approva l-PAKK, ħeġġeġ l-implimentazzjoni sħiħa tiegħu skont l-iskeda ta' żmien stabbilita fil-PAKK u ppreveda azzjonijiet li għandhom iseħħu skont il-PAKK.

(4) Fl-20 ta' Lulju 2015, il-Kunsill laqa' u approva l-PAKK u impenja ruħu li jirrispetta t-termini tiegħu u jsegwi l-pjan ta' implimentazzjoni maqbul. Il-Kunsill appoġġa wkoll bis-sħiħ ir-Riżoluzzjoni 2231 (2015).

(5) Fl-14 ta' Jannar 2020, ir-Rappreżentant Għoli bħala l-Koordinatur tal-Kummissjoni Konġunta tal-PAKK ("il-Koordinatur") irċieva ittra mill-Ministri għall-Affarijiet Barranin ta' Franza, il-Ġermanja u r-Renju Unit li tirreferi lill-Kummissjoni Konġunta kwistjoni relatata mal-eżekuzzjoni tal-impenji tal-Iran taħt il-PAKK għal riżoluzzjoni permezz tal-Mekkaniżmu għas-Soluzzjoni tat-Tilwim, kif stipulat fil-paragrafu 36 tal-PAKK. Fl-istess jum, il-Koordinatur ħareġ dikjarazzjoni li tindika li ser iwettaq monitoraġġ tal-proċess tal-Mekkaniżmu għas-Soluzzjoni tat-Tilwim (il-"proċess").

(6) Fl-24 ta' Jannar 2020, il-Koordinatur ħareġ dikjarazzjoni fejn indika li, f'konformità mal-proċess, kien wettaq konsultazzjonijiet bilaterali u kollettivi estensivi u li l-parteċipanti kollha fil-PAKK kienu reġgħu kkonfermaw id-determinazzjoni tagħhom li jżommu l-PAKK, li kien fl-interess ta' kulħadd. Il-Koordinatur indika li, minkejja diverġenzi rigward il-modalitajiet, kien hemm qbil li kien meħtieġ aktar żmien minħabba l-kumplessità tal-kwistjonijiet involuti. Għaldaqstant ġiet estiża l-iskadenza tal-proċess. Il-partijiet kollha involuti qablu li jkomplu d-diskussjonijiet fil-livell tal-esperti biex jiġu indirizzati t-tħassib dwar l-implimentazzjoni nukleari, kif ukoll l-impatt aktar ġenerali tal-irtirar tal-Istati Uniti mill-PAKK u l-impożizzjoni mill-ġdid, min-naħa tagħhom, tas-sanzjonijiet kontra l-Iran. Rigward dan, il-parteċipanti kollha fil-PAKK kienu esprimew id-dispjaċir tagħhom.

(7) Fil-21 ta' Diċembru 2020, f'Dikjarazzjoni Ministerjali Konġunta dwar il-PAKK, il-parteċipanti fil-PAKK reġgħu enfasizzaw l-impenn tagħhom li jżommu l-ftehim u enfasizzaw l-isforzi rispettivi tagħhom f'dak ir-rigward. Id-dikjarazzjoni indikat li l-Ministri kienu ddiskutew kif l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-PAKK mill-partijiet kollha tibqa' kruċjali, kif ukoll l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-isfidi attwali għall-implimentazzjoni, inkluż dawk dwar l-impenji għan-nonproliferazzjoni nukleari u t-tneħħija tas-sanzjonijiet. Il-Ministri qablu li jkomplu d-djalogu tagħhom sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa tal-PAKK mill-partijiet kollha. Il-Ministri għarfu l-prospett li l-Istati Uniti jerġgħu jingħaqdu mal-PAKK u ssottolinjaw r-rieda tagħhom li jindirizzaw dak ir-ritorn b'mod pożittiv fi sforz konġunt.

[1] ĠU L 195, 27.7.2010, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2010/413/oj.

(8) Minn April 2021 sa Awwissu 2022, il-Koordinatur mexxa taħditiet diplomatiċi biex jiġi nnegozjat ir-ritorn tal-Istati Uniti fil-PAKK u biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-PAKK mill-Iran. Minkejja dawk l-isforzi, inkluż diversi laqgħat tal-Kummissjoni Konġunta matul dak il-perjodu, ma kienx possibbli li jintlaħaq ftehim.

(9) Fl-14 ta' Settembru 2023, il-Koordinatur irċieva ittra mill-Ministri għall-Affarijiet Barranin ta' Franza, il-Ġermanja u r-Renju Unit rigward l-implimentazzjoni tal-PAKK. Il-Ministri għall-Affarijiet Barranin iddikjaraw li l-Iran kien ilu ma jirrispetta l-impenji tiegħu mill-2019 u li kienu jqisu li ma kinitx instabet soluzzjoni għal dan permezz tal-proċess. Huma esprimew l-intenzjoni tagħhom li ma jeħdux passi rigward it-tneħħija ta' aktar sanzjonijiet fit-18 ta' Ottubru 2023, il-Jum ta' Tranżizzjoni tal-PAKK. Fl-istess jum, il-Koordinatur ħareġ dikjarazzjoni li tindika li kien iċċirkola l-ittra ministerjali fost il-parteċipanti l-oħra fil-PAKK, u li kien ser jikkonsulta mal-parteċipanti kollha fil-PAKK dwar it-triq 'il quddiem.

(10) Fis-6 ta' Ottubru 2023, il-Koordinatur ħareġ dikjarazzjoni li tindika li wara konsultazzjonijiet mal-parteċipanti fil-PAKK, il-kwistjoni rigward l-implimentazzjoni tal-impenji tal-Iran skont il-PAKK kienet baqgħet ma ssolvietx minħabba l-opinjonijiet diverġenti espressi.

(11) Fis-16 ta' Ottubru 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/2195 ([2]), li emendat id-Deċiżjoni 2010/413/PESK. Il-Kunsill qies li l-Unjoni kellha raġunijiet validi biex, wara l-Jum ta' Tranżizzjoni tal-PAKK, iżżomm il-miżuri restrittivi kontra ċerti persuni u entitajiet elenkati fl-Annessi I u II tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK u fl-Annessi VIII u IX tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 ([3]). Għaldaqstant, l-ismijiet ta' dawk il-persuni u l-entitajiet ġew trasferiti mill-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK għall-Anness II ta' dik id-Deċiżjoni u mill-Anness VIII tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 għall-Anness IX ta' dak ir-Regolament.

(12) Il-Kunsill ikkunsidra wkoll li l-Unjoni kellha raġunijiet validi biex, wara l-Jum ta' Tranżizzjoni tal-PAKK, iżżomm il-miżuri restrittivi fuq is-servizzi ta' messaġġi finanzjarji, b'rabta mas-settur tat-trasport, b'rabta mal-attivitajiet nukleari li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni u s-servizzi assoċjati, fuq il-metalli u s-servizzi assoċjati, fuq is-software tal-kompjuter u s-servizzi assoċjati, u fuq l-armi u s-servizzi assoċjati.

(13) Il-Kunsill qies ukoll li l-Unjoni għandha raġunijiet validi biex, wara l-Jum ta' Tranżizzjoni tal-PAKK, ma titterminax il-miżuri restrittivi, li ġew sospiżi fil-Jum ta' Tranżizzjoni tal-PAKK permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1863 ([4]).

(14) Fit-28 ta' Awwissu 2025, il-Koordinatur u l-President tal-KSNU irċevew ittra mill-Ministri għall-Affarijiet Barranin ta' Franza, il-Ġermanja u r-Renju Unit rigward l-implimentazzjoni tal-PAKK. Permezz ta' din l-ittra, il-Ministri għall-Affarijiet Barranin innotifikaw lill-KSNU li, abbażi ta' evidenza fattwali, huma kienu jemmnu li l-Iran mhux qed jirrispetta, b'mod sinifikanti, l-impenji tiegħu skont il-PAKK, u b'hekk infetħet il-proċedura biex jerġgħu jiġu introdotti s-sanzjonijiet tan-NU li tneħħew bir-Riżoluzzjoni 2231 (2015) tan-KSNU, f'konformità mal-paragrafu 11 tar-Riżoluzzjoni 2231 (2015) tan-KSNU.

(15) Fis-27 ta' Settembru 2025, il-KSNU ma adottax riżoluzzjoni ġdida biex ikompli bit-tneħħija tas-sanzjonijiet fi żmien 30 jum wara n-notifika tat-28 ta' Awissu 2025. Għaldaqstant, skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 37 tal-PAKK, id-dispożizzjonijiet tar-Riżoluzzjonijiet 1696 (2006), 1737 (2006), 1747 (2007), 1803 (2008), 1835 (2008) u 1929 (2010) tal-KSNU għandhom jerġgħu jiġu imposti.

(16) Għalhekk jenħtieġ li l-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2010/413/PESK jiġu emendati skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2010/413/PESK huwa emendat skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/2195 tas-16 ta' Ottubru 2023 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L, 2023/2195, 17.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2195/oj).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 tat-23 ta' Marzu 2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 (ĠU L 88, 24.3.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/267/oj).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1863 tat-18 ta' Ottubru 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 274, 18.10.2015, p. 174, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2015/1863/oj).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Settembru 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

M. BØDSKOV

ANNESS

I. L-Anness I tad-Deċiżjoni 2010/413/PESK huwa emendat kif ġej:

(1) taħt l-intestatura "A. Persuni u entitajiet involuti fl-attivitajiet nukleari jew tal-missili ballistiċi", jiżdiedu l-entrati li ġejjin taħt is-subintestatura "Persuna fiżiċi":

"(1) Fereidoun Abbasi-Davani. Funzjoni: Xjentist anzjan fil-Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL). Data tat-twelid: (a) 1958 (b) 1959. Post tat-twelid: Abadan, Iran (Repubblika Iżlamika ta'). Informazzjoni oħra: Għandu 'rabtiet mal-Istitut tal-Fiżika Applikata. Jaħdem mill-qrib ma' Mohsen Fakhrizadeh-Mahabadi.'

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(2) Dawood Agha-Jani. Funzjoni: Kap tal-PFEP – Natanz. Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm nukleari tal-Iran.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(3) Ali Akbar Ahmadian. Titolu: Viċi Ammiral. Funzjoni: Kap tal-Korpi tal-Gwardji Rivoluzzjonarji Iranjani (IRGC) Persunal Konġunt. Data tat-twelid: 1961. Post tat-twelid: Kerman, l-Iran (Repubblika Iżlamika ta'). Magħruf ukoll bħala: Ali Akbar Ahmedian. Informazzjoni oħra: il-pożizzjoni nbidlet.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(4) Amir Moayyed Alai. Informazzjoni oħra: involut fil-ġestjoni tal-assemblaġġ u l-inġinerija taċ-ċentrifugi.

Data tad-dežinjazzjoni tal-UE: 24.4.2007 (NU: 3.3.2008).

(5) Behman Asgarpour. Funzjoni: Maniġer Operattiv (Arak). Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm nukleari tal-Iran.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(6) Mohammad Fedai Ashiani. Informazzjoni oħra: involut fil-produzzjoni tal-karbonat tal-uranil tal-ammonju u l-ġestjoni tal-kumpless ta' arrikkiment ta' Natanz.

Data tad-dežinjazzjoni tal-UE: 24.4.2007 (NU: 3.3.2008).

(7) Abbas Rezaee Ashtiani. Informazzjoni oħra: uffiċjal anzjan fl-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Esplorazzjoni u t-Tħaffir tal-Minjieri tal-AEOI.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 3.3.2008.

(8) Bahmanyar Morteza Bahmanyar. Funzjoni: Kap tad-Dipartiment tal-Finanzi u l-Baġit tal-Organizzazzjoni ta' Industriji Ajruspazjali (AIO). Data tat-twelid: 31.12.1952. Nazzjonalità: Iran. Nru tal-passaport: (a) I0005159, maħruġ fl-Iran (b) 10005159, maħruġ fl-Iran.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(9) Haleh Bakhtiar. Informazzjoni oħra: involut fil-produzzjoni tal-manjeżju f'konċentrazzjoni ta' 99,9 %.

Data tad-dežinjazzjoni tal-UE: 24.4.2007 (NU: 3.3.2008).

(10) Morteza Behzad. Informazzjoni oħra: involut fil-fabbrikazzjoni ta' komponenti taċ-ċentrifugi.

Data tad-dežinjazzjoni tal-UE: 24.4.2007 (NU: 3.3.2008).

(11) Ahmad Vahid Dastjerdi. Funzjoni: Kap tal-Organizzazzjoni ta' Industriji Ajruspazjali (AIO). Data tat-twelid: 15.1.1954. Nru tal-passaport: A0002987, maħruġ fl-Iran. Informazzjoni oħra: Serva bħala Viċi Ministru għad-Difiża.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(12) Ahmad Derakhshandeh. Funzjoni: President u Direttur Maniġerjali tal-Bank Sepah, li jipprovdi appoġġ lill-AIO u lis-subordinati tagħha, inkluż l-SHIG u l-SBIG, li t-tnejn li huma ġew dežinjati taħt ir-riżoluzzjoni 1737 (2006). Data tat-twelid: 11.8.Awwissu 1956. Indirizz: 33 Hormozan Building, Pirozan St., Sharaj Ghods, Tehran, Iran (Islamic Republic of).

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(13) Mohammad Eslami. Titolu: Dr. Informazzjoni oħra: Kap tal-Istitut tat-Taħriġ u r-Riċerka tal-Industriji tad-Difiża. Magħruf ukoll bħala: Mohammad Islami; Mohamed Islami; Mohammed Islami. Informazzjoni oħra: Serva bħala Viċi Ministru għad-Difiża mill-2012 sal-2013.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 3.3.2008.

(14) Reza-Gholi Esmaeli. Funzjoni: Kap tad-Dipartiment tal-Kummerċ u l-Affarijiet Internazzjonali, Organizzazzjoni ta' Industriji Ajruspazjali (AIO). Data tat-twelid: 3.4.1961. Magħruf ukoll bħala: Reza-Gholi Ismaili. Nru tal-passaport: A0002302, maħruġ fl-Iran (Repubblika Iżlamika ta').

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(15) Mohsen Fakhrizadeh-Mahabadi. Funzjoni: Xjentist anzjan tal-MODAFL u eks kap taċ-Ċentru tar-Riċerka Fiżika (PHRC). Nru tal-passaport: (a) A0009228 (Mhux ikkonfermat (x'aktarx maħruġ fl-Iran)) (b) 4229533 (Mhux ikkonfermat (x'aktarx maħruġ fl-Iran)). Informazzjoni oħra: L-IAEA talbet biex tintervistah dwar l-attivitajiet tal-PHRC waqt il-perjodu meta hu kien kap iżda l-Iran irrifjuta.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(16) Mohammad Hejazi. Titolu: Brigadier Ġeneral. Funzjoni: Kmandant tal-forza ta' reżistenza ta' Bassij. Data tat-twelid: 1959. Post tat-twelid: Isfahan, l-Iran (Repubblika Iżlamika ta'). Magħruf ukoll bħala: Mohammed Hijazi.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(17) Mohsen Hojati. Funzjoni: Kap tal-Grupp Industrijali Fajr, li huwa ddežinjat taħt ir-riżoluzzjoni 1737(2006) għar-rwol tiegħu fil-programm ta' missili ballistiċi. Data tat-twelid: 28.9.1955. Nru tal-passaport: G4506013, maħruġ fl-Iran (Repubblika Iżlamika ta').

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(18) Seyyed Hussein Hosseini. Informazzjoni oħra: Uffiċjal tal-AEOI involut fil-proġett ta' reattur ta' riċerka b'ilma tqil f'Arak.

Data tad-dežinjazzjoni tal-UE: 24.4.2007 (NU: 3.3.2008).

(19) M. Javad Karimi Sabet. Informazzjoni oħra: Kap tan-Novin Energy Company, li hija ddežinjata taħt ir-riżoluzzjoni 1747 (2007).

Data tad-dežinjazzjoni tal-UE: 24.4.2007 (NU: 3.3.2008).

(20) Mehrdada Akhlaghi Ketabachi. Funzjoni: Kap tal-Grupp Industrijali Shahid Bagheri (SBIG), li huwa ddežinjat taħt ir-riżoluzzjoni 1737(2006) għar-rwol tiegħu fil-programm ta' missili ballistiċi. Data tat-twelid: 10.9.1958. Nru tal-passaport: A0030940, maħruġ fl-Iran (Repubblika Iżlamika ta').

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(21) Ali Hajinia Leilabadi. Funzjoni: Direttur Ġenerali tal-Mesbah Energy Company. Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm nukleari tal-Iran.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(22) Naser Maleki. Funzjoni: Kap tal-Grupp Industrijali Shahid Hemmat (SHIG), li huwa ddežinjat taħt ir-riżoluzzjoni 1737(2006) għar-rwol tiegħu fil-programm ta' missili ballistiċi tal-Iran. Data tat-twelid: 1960. Nru tal-passaport: A0003039 maħruġ fl-Iran (Repubblika Iżlamika ta'). Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali: l-Iran (Repubblika Islamika ta') 0035-11785, maħruġ fl-Iran (Repubblika Iżlamika ta'). Informazzjoni oħra: Naser Maleki huwa wkoll uffiċjal tal-MODAFL li jissorvelja xogħol fuq il-programm ta' missili ballistiċi Shahab-3. Shahab-3 hija l-missila ballistika ta' medda twila tal-Iran li qiegħda attwalment fis-servizz.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(23) Hamid-Reza Mohajerani. Informazzjoni oħra: involut fil-ġestjoni tal-produzzjoni tal-Faċilità għall-Konverżjoni tal-Uranju (UCF) f'Esfahan.

Data tad-dežinjazzjoni tal-UE: 24.4.2007 (NU: 3.3.2008).

(24) Jafar Mohammadi. Funzjoni: Konsulent Tekniku għall-Organizzazzjoni tal-Enerġija Atomika tal-Iran (AEOI) (inkarigat mill-ġestjoni tal-produzzjoni ta' valvijiet għaċ-ċentrifugi). Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm nukleari tal-Iran.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(25) Ehsan Monajemi. Funzjoni: Maniġer tal-Proġett ta' Kostruzzjoni, Natanz. Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm nukleari tal-Iran.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(26) Mohammad Reza Naqdi. Titolu: Brigadier Ġeneral. Data tat-twelid: (a) 11.2.1949 (b) 11.2.1952 (c) 11.2.1953 (d) 11.2.1961. Post tat-twelid: (a) Najaf, l-Iraq (b) Tehran, l-Iran (Repubblika Iżlamika ta'). Informazzjoni oħra: eks Viċi Kap tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati għal-Loġistika u r-Riċerka Industrijali. Kap tal-Kwartieri Ġenerali tal-Istat Kontra l-Kuntrabandu, impenjat fi sforzi biex jiġu evitati s-sanzjonijiet imposti bir-riżoluzzjonijiet 1737 (2006) u 1747 (2007) tal-UNSCR.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 3.3.2008.

(27) Houshang Nobari. Informazzjoni oħra: Involut fil-ġestjoni tal-kumpless għall-arrikkiment ta' Natanz.

Data tad-dežinjazzjoni tal-UE: 24.4.2007 (NU: 3.3.2008).

(28) Mohammad Mehdi Nejad Nouri. Titolu: Logutenent Ġeneral. Funzjoni: Rettur tal-Università Malek Ashtar għat-Teknoloġija tad-Difiża. Informazzjoni oħra: Id-dipartiment tal-kimika tal-Università ta' Ashtar għat-Teknoloġija tad-Difiża huwa affiljat mal-MODALF u wettaq esperimenti bil-berillju. Viċi Ministru għax-Xjenza, ir-Riċerka u t-Teknoloġija.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(29) Mohammad Qannadi. Funzjoni: Viċi President tal-AEOI għar-Riċerka u l-Iżvilupp. Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm nukleari tal-Iran.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(30) Amir Rahimi. Funzjoni: Kap taċ-Ċentru ta' Riċerka u Produzzjoni ta' Fjuwil Nukleari ta' Esfahan. Informazzjoni oħra: Iċ-Ċentru ta' Riċerka u Produzzjoni ta' Fjuwil Nukleari ta' Esfahan huwa parti mill-kumpanija ta' Produzzjoni u Akkwist ta' Karburant Nukleari tal-AEOI, li hija involuta f'attivitajiet relatati mal-arrikkiment.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(31) Javad Rahiqi: Funzjoni: Kap taċ-Ċentru għat-Teknoloġija Nukleari ta' Esfahan tal-Organizzazzjoni għall-Enerġija Atomika tal-Iran (AEOI) (informazzjoni addizzjonali: Data tat-twelid: 24.4.1954; Post tat-twelid: Marshad).

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 9.6.2010 (UE: 24.4.2007).

(32) Abbas Rashidi. Informazzjoni oħra: involut f'ħidma ta' arrikkiment f'Natanz.

Data tad-dežinjazzjoni tal-UE: 24.4.2007 (NU: 3.3.2008).

(33) Morteza Rezaie. Titolu: Brigadier Ġeneral. Funzjoni: Viċi Kmandant tal-IRGC. Data tat-twelid: 1956. Magħruf ukoll bħala: Mortaza Rezaie; Mortaza Rezai; Morteza Rezai.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(34) Morteza Safari. Titolu: Viċi Ammiral. Funzjoni: Kmandant tal-qawwa Navali tal-IRGC. Magħruf ukoll bħala: Mortaza Safari; Morteza Saferi; Murtaza Saferi; Murtaza Safari.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(35) Yahya Rahim Safavi. Titolu: Maġġur Ġeneral. Funzjoni: Kmandant, IRGC (Pasdaran). Data tat-twelid: 1952. Post tat-twelid: Isfahan, l-Iran (Repubblika Iżlamika ta'). Magħruf ukoll bħala: Yahya Raheem Safavi.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(36) Seyed Jaber Safdari. Informazzjoni oħra: Maniġer tal-Faċilitajiet ta' Arrikkiment ta' Natanz.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(37) Hosein Salimi. Titolu: Ġeneral. Funzjoni: Kmandant tal-Forza tal-Ajru, IRGC (Pasdaran). Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm ta' missili ballistiċi tal-Iran.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 23.12.2006

(38) Qasem Soleimani. Titolu: Brigadier Ġeneral. Funzjoni: Kmandant tal-forza Qods. Data tat-twelid: 11.3.1957. Post tat-twelid: Qom, l-Iran (Repubblika Iżlamika ta'). Magħruf ukoll bħala: Qasim Soleimani; Qasem Sulaimani; Qasim Sulaimani; Qasim Sulaymani; Qasem Sulaymani; Kasim Soleimani; Kasim Sulaimani; Kasim Sulaymani; Haj Qasem; Haji Qassem; Sarder Soleimani. Nru tal-passaport: 008827, maħruġ fl-Iran. Informazzjoni oħra: ġie promoss għal Maġġur Ġeneral, filwaqt li żamm il-pożizzjoni tiegħu bħala Kmandant tal-Forza Qods.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(39) Ghasem Soleymani. Informazzjoni oħra: Direttur tal-Operazzjonijiet ta' Tħaffir tal-Minjieri tal-Uranju fil-Minjiera tal-Uranju ta' Saghand.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 3.3.2008.

(40) Mohammad Reza Zahedi. Titolu: Brigadier Ġeneral. Funzjoni: Kmandant tal-Forzi tal-Art tal-IRGC. Data tat-twelid: 1944. Post tat-twelid: Isfahan, l-Iran (Repubblika Iżlamika ta'). Magħruf ukoll bħala: Mohammad Reza Zahidi; Mohammad Raza Zahedi.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(41) Mohammad Baqer Zolqadr. Funzjoni: Ġeneral, uffiċjal tal-IRGC, Viċi Ministru għall-Intern għall-Affarijiet tas-Sigurtà. Magħruf ukoll bħala: Mohammad Bakr Zolqadr; Mohammad Bakr Zolkadr; Mohammad Baqer Zolqadir; Mohammad Baqer Zolqader.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(42) Azim Aghajani. Funzjoni: Membru tal-Forza Qods tal-IRGC li topera taħt id-direzzjoni tal-Kmandant tal-Forza Qods, il-Maġġur Ġeneral Qasem Soleimani, li kien iddežinjat mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU fir-Riżoluzzjoni 1747 (2007). Magħruf ukoll bħala: Azim Adhajani; Azim Agha-Jani. Nazzjonalità: l-Iran (Repubblika Iżlamika ta'). Nru tal-passaport: (a) 6620505 maħruġ fl-Iran (Repubblika Iżlamika ta') (b) 9003213 maħruġ fl-Iran (Repubblika Iżlamika ta'). Informazzjoni oħra: iffaċilita ksur tal-paragrafu 5 tar-Riżoluzzjoni 1747 (2007) li jipprojbixxi l-esportazzjoni ta' armi u materjal relatat mill-Iran.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 18.4. 2012

(43) Ali Akbar Tabatabaei. Funzjoni: Membru tal-Forza Qods tal-IRGC li topera taħt id-direzzjoni tal-Kmandant tal-Forza Qods, il-Maġġur Ġeneral Qasem Soleimani, li kien iddežinjat mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU fir-Riżoluzzjoni 1747 (2007). Data tat-twelid: 1967. Magħruf ukoll bħala: (a) Sayed Akbar Tahmaesebi; Syed Akber Tahmaesebi (b) Ali Akber Tabatabaei; Ali Akber Tahmaesebi; Ali Akbar Tahmaesebi. Nazzjonalità: l-Iran (Repubblika Iżlamika ta'). Nru tal-passaport: (a) 9003213 maħruġ fl-Iran / mhux magħruf (b) 6620505 maħruġ fl-Iran / mhux magħruf. Informazzjoni oħra: iffaċilita ksur tal-paragrafu 5 tar-Riżoluzzjoni 1747 (2007) li jipprojbixxi l-esportazzjoni ta' armi u materjal relatat mill-Iran.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 18.4.2012.";

(2) taħt l-intestatura "A. Persuni u entitajiet involuti fl-attivitajiet nukleari jew tal-missili ballistiċi", jiżdiedu t-tabella u l-entrati li ġejjin taħt is-subintestatura "Entitajiet":

"(1) Abzar Boresh Kaveh Co. (magħrufa wkoll bħala BK Co.). Informazzjoni oħra: involuta fil-fabbrikazzjoni ta' komponenti taċ-ċentrifugi.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 3.3.2008.

(2) Amin Industrial Complex. Amin Industrial Complex fittxet kontrolluri tat-temperatura li jistgħu jintużaw fir-riċerka nukleari u faċilitajiet operazzjonali/ta' produzzjoni. Amin Industrial Complex hija proprjetà ta' jew hija kkontrollata minn, jew taġixxi f'isem, l-Organizzazzjoni tal-Industrija tad-Difiża (DIO), li ġiet dežinjata fir-Riżoluzzjoni 1737 (2006).

Post: P.O. Box 91735-549, Mashad, Iran; Amin Industrial Estate, Khalage Rd., Seyedi District, Mashad, Iran; Kaveh Complex, Khalaj Rd., Seyedi St., Mashad, Iran

Magħrufa wkoll bħala: Amin Industrial Compound u Amin Industrial Company.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(3) Ammunition and Metallurgy Industries Group (AMIG) Magħrufa wkoll bħala: Ammunition Industries Group. Informazzjoni oħra: (a) AMIG tikkontrolla 7th of Tir, li hija ddežinjata taħt ir-riżoluzzjoni 1737 (2006) għar-rwol tagħha fil-programm taċ-ċentrifugi tal-Iran. AMIG minn naħa tagħha hija proprjetà ta' u kkontrollata minn DIO, li hija ddežinjata taħt ir-riżoluzzjoni 1737 (2006).

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(4) Armament Industries Group. Armament Industries Group (AIG) timmanifattura u tikkura varjetà ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir, inkluż snieter ta' kalibru kbir u medju u t-teknoloġija relatata. AIG twettaq l-parti l-kbira tal-attività ta' akkwist tagħha permezz ta' Hadid Industries Complex.

Post: Sepah Islam Road, Karaj Special Road Km 10, Iran; Pasdaran Ave., P.O. Box 19585/777, Tehran, Iran.

Data tad-dežinjazzjoni tal-UE: 24.4.2007 (NU: 9.6.2010).

(5) Atomic Energy Organisation of Iran (AEOI). Informazzjoni oħra: Involuta fil-programm nukleari tal-Iran.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(6) Bank Sepah u Bank Sepah International. Informazzjoni oħra: Bank Sepah tipprovdi appoġġ lill-Aerospace Industries Organisation (AIO) u lis-subordinati, inkluż Shahid Hemmat Industrial Group (SHIG) u Shahid Bagheri Industrial Group (SBIG).

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(7) Barzagani Tejarat Tavanmad Saccal companies. Informazzjoni oħra: (a) kumpanija sussidjarja ta' Saccal System companies, (b) din il-kumpanija ppruvat tixtri oġġetti sensittivi għal entità elenkata fir-riżoluzzjoni 1737 (2006).

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 3.3.2008.

(8) Cruise Missile Industry Group. Magħrufa wkoll bħala: Naval Defense Missile Industry Group. Informazzjoni oħra: Produzzjoni u żvilupp ta' missili kruċiera. Responsabbli mill-missili navali inkluż missili kruċiera.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 3.3.2008.

(9) Defence Industries Organisation (DIO). Informazzjoni oħra: entità globali kkontrollata mill-MODAFL, li xi whud mis-subordinati tagħha kienu involuti fil-programm taċ-ċentrifugi li jipproduċi komponenti, u fil-programm tal-missili.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(10) Defense Technology and Science Research Center. Defense Technology and Science Research Center (DTSRC) hija proprjetà ta' jew ikkontrollata minn, jew taġixxi f'isem il-Ministeru tad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL), li jissorvelja r-R&Ż, il-produzzjoni, il-manteniment, l-esportazzjoni u l-akkwist fil-qasam tad-difiża tal-Iran.

Post: Pasdaran Ave, PO Box 19585/777, Tehran, Iran.

Data tad-dežinjazzjoni tal-UE: 24.4.2007 (NU: 9.6.2010).

(11) Doostan International Company. Doostan International Company (DICO) tfornixxi elementi għall-programm ballistiku missilistiku tal-Iran.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(12) Electro Sanam Company (magħrufa wkoll bħala (a) E. S. Co., (b) E. X. Co.). Informazzjoni oħra: Kumpannija fittizja tal-AIO, involuta fil-programm tal-missili ballistiċi.

Data tad-dħul fil-lista tan-NU: 3.3.2008.

(13) Esfahan Nuclear Fuel Research and Production Centre (NFRPC) and Esfahan Nuclear Technology Centre (ENTC). Informazzjoni oħra: Dawn jagħmlu parti min-Nuclear Fuel Production and Procurement Company tal-Organizzazzjoni tal-Enerġija Atomika tal-Iran (AEOI).

Data tad-dħul fil-lista tan-NU: 24.3.2007.

(14) Ettehad Technical Group. Informazzjoni oħra: Kumpannija fittizja tal-AIO, involuta fil-programm tal-missili ballistiċi.

Data tad-dħul fil-lista tan-NU: 3.3.2008.

(15) Fajr Industrial Group. Informazzjoni oħra: (a) Instrumentation Factory Plant, (b) Entità subordinata tal-AIO, (c) Involut fil-programm tal-missili ballistiċi tal-Iran.

Data tad-dħul fil-lista tan-NU: 23.12.2006.

(16) Farasakht Industries. Farasakht Industries hija ta' proprjetà jew ikkontrollata minn, jew taġixxi f'isem l-Iran Aircraft Manufacturing Company, li min-naħa tagħha hija ta' proprjetà jew ikkontrollata minn MODAFL.

Post: P.O. Box 83145-311, Kilometer 28, Esfahan-Tehran Freeway, Shahin Shahr, Esfahan, Iran.

Data tad-dħul fil-lista tan-NU: 9.6.2010.

(17) Farayand Technique. Informazzjoni oħra: (a) Involuta fil-programm nukleari tal-Iran (programm taċ-ċentrifugi), (b) Identifikata fir-rapporti tal-IAEA.

Data tad-dħul fil-lista tan-NU: 23.12.2006.

(18) First East Export Bank, P.L.C. First East Export Bank, PLC hija ta' proprjetà jew ikkontrollata minn, jew taġixxi f'isem il-Bank Mellat. Matul l-aħħar seba' snin, il-Bank Mellat iffaċilita mijiet ta' miljuni ta' dollari fi transazzjonijiet għal entitajiet nukleari, missilistiċi, u ta' difiża Iranjani.

Post: Unit Level 10 (B1), Main Office Tower, Financial Park Labuan, Jalan Merdeka, 87000 WP Labuan, Malaysia; Numru tar-Reġistrazzjoni tan-Negozju LL06889 (Malaysia).

Data tad-dħul fil-lista tan-NU: 9.6.2010.

(19) Industrial Factories of Precision (IFP) Machinery (magħrufa wkoll bħala Instrumentation Factories Plant). Informazzjoni oħra: użat mill-AIO għal xi tentattivi ta' akkwiżizzjoni.

Data tad-dħul fil-lista tan-NU: 3.3.2008.

(20) Jabber Ibn Hayan. Informazzjoni oħra: laboratorju tal-AEOI involut f'attivitajiet taċ-ċiklu tal-karburant.

Data tad-dħul fil-lista tan-NU: 3.3.2008 (UE: 24.4.2007).

(21) Joza Industrial Co. Informazzjoni oħra: Kumpannija fittizja tal-AIO, involuta fil-programm tal-missili ballistiċi.

Data tad-dħul fil-lista tan-NU: 3.3.2008.

(22) Kala-Electric. Magħrufa wkoll bħala Kalaye Electric. Informazzjoni oħra: Fornitur għal PFEP – Natanz.

Data tad-dħul fil-lista tan-NU: 23.12.2006.

(23) Karaj Nuclear Research Centre. Informazzjoni oħra: Parti mit-taqsima tar-riċerka tal-AEOI.

Data tad-dħul fil-lista tan-NU: 24.3.2007.

(24) Kaveh Cutting Tools Company. Kaveh Cutting Tools Company hija ta' proprjetà jew ikkontrollata minn, jew taġixxi f'isem id-DIO.

Post: Km 3 Khalaj Road, Seyyedi Street, Mashad 91638, Iran; Km 4 Khalaj Road, End of Seyyedi Street, Mashad, Iran; P.O. Box 91735-549, Mashad, Iran; Khalaj Rd., End of Seyyedi Alley, Mashad, Iran; Moqan St., Pasdaran St., Pasdaran Cross Rd., Tehran, Iran.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(25) Kavoshyar Company. Informazzjoni oħra: Kumpanija sussidjarja ta' AEOI.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(26) Khorasan Metallurgy Industries. Informazzjoni oħra: (a) sussidjarja ta' Ammunition Industries Group (AMIG) li tiddependi mid-DIO, (b) entità involuta fil-produzzjoni tal-komponenti ċentrifuġi.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 3.3.2008.

(27) M. Babaie Industries. M. Babaie Industries hija subordinata għal Shahid Ahmad Kazemi Industries Group (formalment l-Air Defense Missile Industries Group) tal-Aerospace Industries Organization (AIO) tal-Iran. L-AIO tikkontrolla l-organizzazzjonijiet tal-missili ta' Shahid Hemmat Industrial Group (SHIG) u s-Shahid Bakeri Industrial Group (SBIG), it-tnejn li huma ġew indikati fir-riżoluzzjoni 1737 (2006).

Post: P.O. Box 16535-76, Tehran, 16548, Iran.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(28) Malek Ashtar University. Subordinata tad-DTRSC fil-MODAFL. Din tinkludi gruppi ta' riċerka li qabel kienu taħt iċ-Ċentru ta' Riċerka Fiżika (PHRC). L-ispetturi tal-IAEA ma ngħatawx permess jintervistaw lill-persunal jew jaraw id-dokumenti taħt il-kontroll ta' din l-organizzazzjoni biex jirrisolvu l-kwistjoni pendenti tad-dimensjoni militari possibbli għall-programm nukleari tal-Iran.

Post: Corner of Imam Ali Highway and Babaei Highway, Tehran, Iran.

Data tad-dežinjazzjoni tal-UE: 24.6.2008 (NU: 9.6.2010).

(29) Mesbah Energy Company. Informazzjoni oħra: (a) Fornitriċi għar-reattur tar-riċerka A40 – Arak, (b) Involuta fil-programm nukleari tal-Iran.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(30) Ministry of Defense Logistics Export. Il-Ministeru tal-Esportazzjoni tal-Loġistika għad-Difiża (MODLEX) ibigħ armamenti prodotti fl-Iran lil klijenti madwar id-dinja bi ksur tar-riżoluzzjoni 1747 (2007), li tipprojbixxi lill-Iran milli jbigħ armi jew materjal relatat.

Post: PO Box 16315-189, Tehran, Iran; jinsab fuq in-naħa tal-punent ta' Dabestan Street, Abbas Abad District, Tehran, Iran.

Data tad-dežinjazzjoni tal-UE: 24.6.2008 (NU: 9.6.2010).

(31) Mizan Machinery Manufacturing. Mizan Machinery Manufacturing (3M) hija ta' proprjetà jew ikkontrollata minn, jew taġixxi f'isem is-SHIG.

Post: P.O. Box 16595-365, Tehran, Iran

magħrufa wkoll bħala: 3MG

Data tad-dežinjazzjoni tal-UE: 24.6.2008 (NU: 9.6.2010).

(32) Modern Industries Technique Company. Modern Industries Technique Company (MITEC) hija responsabbli għat-tfassil u l-kostruzzjoni tar-reattur tal-ilma tqil IR-40 f'Arak. Il-MITEC mexxiet akkwist għall-kostruzzjoni tar-reattur tal-ilma tqil IR-40.

Post: Arak, Iran

magħrufa wkoll bħala: Rahkar Company, Rahkar Industries, Rahkar Sanaye Company, Rahkar Sanaye Novin

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(33) Nuclear Research Center for Agriculture and Medicine. Iċ-Ċentru ta' Riċerka Nukleari għall-Agrikoltura u l-Mediċina (NFRPC) huwa komponent ta' riċerka kbir tal-Organizzazzjoni tal-Enerġija Atomika tal-Iran (AEOI), li ġie ddeżinjat fir-riżoluzzjoni 1737 (2006). L-NFRPC huwa ċ-ċentru tal-AEOI għall-iżvilupp ta' fjuwil nukleari u huwa involut fl-attivitajiet relatati mal-arrikiment.

Post: P.O. Box 31585-4395, Karaj, Iran

magħrufa wkoll bħala: Center for Agricultural Research and Nuclear Medicine; Karaji Agricultural and Medical Research Center

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(34) Niru Battery Manufacturing Company. Informazzjoni oħra: (a) kumpanija sussidjarja tad-DIO, (b) ir-rwol tagħha hu li timmanifattura power units għall-armata Iranjana inkluż sistemi tal-missili.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 3.3.2008.

(35) Novin Energy Company (magħrufa wkoll bħala Pars Novin). Informazzjoni oħra: Topera fi ħdan l-AEOI.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(36) Parchin Chemical Industries. Informazzjoni oħra: Fergħa tad-DIO, li tipproduċi munizzjon, splussivi, kif ukoll propellanti solidi għal rokits u missili.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(37) Pars Aviation Services Company. Informazzjoni oħra: għandha diversi inġenji tal-ajru, inkluż MI-171, użati mill-Forza tal-Ajru tal-IRGC.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(38) Pars Trash Company. Informazzjoni oħra: (a) Involuta fil-programm nukleari tal-Iran (programm taċ-ċentrifugi), (b) Identifikata fir-rapporti tal-IAEA.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(39) Pejman Industrial Services Corporation. Pejman Industrial Services Corporation hija ta' proprjetà jew ikkontrollata minn, jew taġixxi f'isem is-SBIG.

Post: P.O. Box 16785-195, Tehran, Iran.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(40) Pishgam (Pioneer) Energy Industries. Informazzjoni oħra: ipparteċipat fil-kostruzzjoni tal-faċilità għall-konverżjoni tal-uranju f'Esfahan.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 3.3.2008.

(41) Qods Aeronautics Industries. Informazzjoni oħra: Tipproduċi vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAVs), paraxuts, paragliders, para-muturi, eċċ. L-IRGC ftaħret li tagħmel użu minn dawn il-prodotti bħala parti mid-duttrina ta' gwerra assimetrika tagħha.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(42) Sabalan Company. Sabalan huwa psewdonimu għas-SHIG.

Post: Damavand Tehran Highway, Tehran, Iran

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(43) Sanam Industrial Group. Informazzjoni oħra: entità subordinata tal-AIO, li xtrat tagħmir f'isem l-AIO għall-programm tal-missili.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(44) Safety Equipment Procurement (SEP). Informazzjoni oħra: Kumpannija fittizja tal-AIO, involuta fil-programm tal-missili ballistiċi.

Data tad-dażinjazzjoni tan-NU: 3.3.2008.

(45) 7th of Tir. Informazzjoni oħra: Entità subordinata tad-DIO, li hija rikonoxxuta b'mod ġenerali bħala li hija involuta direttament fil-programm nukleari tal-Iran.

Data tad-dażinjazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(46) Sahand Aluminum Parts Industrial Company (SAPICO). SAPICO huwa psewdonimu għas-SHIG.

Post: Damavand Tehran Highway, Tehran, Iran

Data tad-dażinjazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(47) Shahid Bagheri Industrial Group (SBIG). Informazzjoni oħra: Entità subordinata tal-AIO.

Data tad-dażinjazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(48) Shahid Hemmat Industrial Group (SHIG). Informazzjoni oħra: Entità subordinata tal-AIO.

Data tad-dażinjazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(49) Shahid Karrazi Industries. Shahid Karrazi Industries hija ta' proprjetà jew ikkontrollata minn, jew taġixxi f'isem is-SBIG.

Post: Tehran, Iran.

Data tad-dażinjazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(50) Shahid Satarri Industries. Shahid Sattari Industries hija ta' proprjetà jew ikkontrollata minn, jew taġixxi f'isem is-SBIG.

Post: Southeast Tehran, Iran

magħrufa wkoll bħala: Shahid Sattari Group Equipment Industries.

Data tad-dażinjazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(51) Shahid Sayyade Shirazi Industries. Shahid Sayyade Shirazi Industries (SSSI) hija ta' proprjetà jew ikkontrollata minn, jew taġixxi f'isem id-DIO.

Post: Next To Nirou Battery Mfg. Co, Shahid Babaii Expressway, Nobonyad Square, Tehran, Iran; Pasdaran St., P. O. Box 16765, Tehran 1835, Iran; Babaei Highway – Next To Niru M.F.G, Tehran, Iran.

Data tad-dażinjazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(52) Sho'a' Aviation. Informazzjoni oħra: Tipproduċi mikro-dwal li l-IRGC stqarret li qed tuża bħala parti mid-duttrina ta' gwerra assimetrika tagħha.

Data tad-dażinjazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(53) Special Industries Group. Special Industries Group (SIG) hija subordinata tad-DIO.

Post: Pasdaran Avenue, PO Box 19585/777, Tehran, Iran.

Data tad-dażinjazzjoni tal-UE: 24.7.2007 (NU: 9.6.2010).

(54) TAMAS Company. Informazzjoni oħra: (a) entità involuta f'attivitajiet relatati mal-arrikkament, (b) TAMAS hi korp ġenerali, li taħtha ġew stabbiliti erba' kumpaniji sussidjarji, inkluż waħda għall-estrazzjoni tal-uranju għall-konċentrazzjoni u oħra responsabbli mill-ipproċessar tal-uranju, l-arrikkament u l-iskart.

Data tad-dežinjazzjoni tal-UE: 24.4.2007 (NU: 3.3.2008).

(55) Tiz Pars. Tiz Pars huwa psewdonimu għas-SHIG. Bejn April u Lulju tal-2007, it-Tiz Pars pruvat takkwista magna tal-welding bil-lażer u tal-qtugħ b'ħames assi, li tista' tagħti kontribut materjal għall-programm missilistiku tal-Iran, f'isem is-SHIG.

Post: Damavand Tehran Highway, Tehran, Iran

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(56) Ya Mahdi Industries Group. Informazzjoni oħra: entità subordinata tal-AIO, li hija involuta fix-xiri internazzjonali ta' tagħmir għall-missili.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(57) Yazd Metallurgy Industries. Yazd Metallurgy Industries (TMI) hija subordinata tad-DIO.

Post: Pasdaran Avenue, Next To Telecommunication Industry, Tehran 16588, Iran; Postal Box 89195/878, Yazd, Iran; P.O. Box 89195-678, Yazd, Iran; Km 5, Taft Road, Yazd, Iran

Magħruf wkoll bħala: Yazd Ammunition Manufacturing and Metallurgy Industries, Directorate of Yazd Ammunition and Metallurgy Industries

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(58) Behineh Trading Co.

Informazzjoni oħra: Kumpannija Iranjana li kellha rwol ewlieni fit-trasferiment illegali ta' armi għall-Punent tal-Afrika u aġixxiet f'isem l-IRGC-Qods Force li topera taħt il-kmand tal-Maġġur Ġenerali Qasem Soleimani, iddežinajata mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU fir-Riżoluzzjoni 1747 (2007), bħala l-ispeditur tal-konsenja tal-armi.

Informazzjoni addizzjonali: Post: Tavakoli Building, Opposite of 15th Alley, Emam-Jomeh Street, Tehran, Iran. Telefown: +98 919 538 2305. Website: http://www.behinehco.ir

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 18 ta' April 2012

(59) Yas Air. Yas Air huwa l-isem il-ġdid ta' Pars Air, kumpanija li kienet proprjetà ta' Pars Aviation Services Company, li min-naħa tagħha kienet indikata mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti fir-Riżoluzzjoni 1747 (2007). Yas Air għenet lil Pars Aviation Services Company, entità indikata min-Nazzjonijiet Uniti, biex tikser il-paragrafu 5 tar-Riżoluzzjoni 1747 (2007).

Post: Mehrabad International Airport, Next to Terminal No. 6, Tehran, Iran.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 10.12.2012.

(60) SAD Import Export Company. SAD Import Export Company għenet lil Parchin Chemical Industries and 7th of Tir Industries, entità indikata min-Nazzjonijiet Uniti, biex tikser il-paragrafu 5 tar-Riżoluzzjoni 1747 (2007).

Post: Haftom Tir Square, South Mofte Avenue, Tour Line No 3/1, Tehran, Iran. (2) P.O. Box 1584864813.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 10.12.2012.";

(3) taħt l-intestatura "B. Entitajiet ta' proprjetà, ikkontrollati, jew li jaġixxu f'isem il-Korpi tal-Gwardja Revoluzzjonarja Iżlamika", jiżdiedu t-tabella u l-entrati li ġejjin:

"(1) Fater (jew Faater) Institute: entità sussidjarja ta' Khatam al-Anbiya (KAA). Fater ħadmet ma' fornituri barranin, x'aktarx f'isem kumpaniji oħra ta' KAA fuq proġetti tal-IRGC fl-Iran.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(2) Gharagahe Sazandegi Ghaem: Gharagahe Sazandegi Ghaem hija ta' proprjetà ta' KAA jew ikkontrollata minnha.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(3) Ghorb Karbala: Ghorb Karbalahija ta' proprjetà ta' KAA jew ikkontrollata minnha.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(4) Ghorb Nooh: Ghorb Nooh hija ta' proprjetà ta' KAA jew ikkontrollata minnha.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(5) Hara Company: Hara Company hija proprjetà ta' Ghorb Nooh jew ikkontrollata minnha.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(6) Imensazan Consultant Engineers Institute: Imensazan Consultant Engineers Institute hija proprjetà ta' KAA jew ikkontrollata minnha, jew taġixxi f'isimha.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(7) Khatam al-Anbiya Construction Headquarters: Khatam al-Anbiya Construction Headquarters (KAA) hija kumpanija ta' proprjetà ta' IRGC involuta fi proġetti ta' kostruzzjoni ċivili u militari fuq skala kbira u f'attivitajiet oħra ta' inġinjerija. Din twettaq ammont sinifikanti ta' xogħol fuq proġetti tal-Organizzazzjoni ta' Difiża Passiva. B'mod partikolari, is-sussidjarji ta' KAA kienu ferm involuti fil-kostruzzjoni ta' sit ta' arrikkiment tal-uranju f'Qom/Fordow.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(8) Makin: Makin hija ta' proprjetà ta' KAA jew ikkontrollata minnha, jew taġixxi f'isimha, u hija sussidjarja ta' KAA.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(9) Omran Sahel: Omran Sahel hija proprjetà ta' Ghorb Nooh jew ikkontrollata minnha.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(10) Oriental Oil Kish: Oriental Oil Kish hija ta' proprjetà ta' KAA jew ikkontrollata minnha, jew taġixxi f'isimha.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(11) Rah Sahel: Rah Sahel hija ta' proprjetà ta' KAA jew ikkontrollata minnha, jew taġixxi f'isimha.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(12) Rahab Engineering Institute: Rahab hija ta' proprjetà ta' KAA jew ikkontrollata minnha, jew taġixxi f'isimha, u hija sussidjarja ta' KAA.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(13) Sahel Consultant Engineers: Sahel Consultant Engineers hija proprjetà ta' Ghorb Nooh jew ikkontrollata minnha.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(14) Sepanir: Sepanir hija ta' proprjetà ta' KAA jew ikkontrollata minnha, jew taġixxi f'isimha.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(15) Sepasad Engineering Company: Sepasad Engineering Company hija ta' proprjetà ta' KAA jew ikkontrollata minnha, jew taġixxi f'isimha.

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 9.6.2010.";

(4) taħt l-intestatura "C. Entitajiet ta' proprjetà, ikkontrollati, jew li jaġixxu f'isem l-Islamic Republic of Iran Shipping Lines (IRISL)", jiżdiedu t-tabella u l-entrati li ġejjin:

"(1) Irano Hind Shipping Company: Post: 18 Mehrshad Street, Sadaghat Street, Opposite of Park Mellat, Vali-e-Asr Ave., Tehran, Iran; 265, Next to Mehrshad, Sedaghat St., Opposite of Mellat Park, Vali Asr Ave., Tehran 1A001, Iran

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(2) IRISL Benelux NV: Post: Noorderlaan 139, B-2030, Antwerp, Belgium; Nru tal-VAT BE480224531 (il-Belġju)

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(3) South Shipping Line Iran (SSL): Post: Apt. No. 7, 3rd Floor, No. 2, 4th Alley, Gandi Ave., Tehran, Iran; Qaem Magham Farahani St., Tehran, Iran

Data tad-dežinjazzjoni tan-NU: 9.6.2010.".

II. L-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413/PESK huwa emendat kif ġej:

(1) taħt l-intestatura "I. Persuni u entitajiet involuti fl-attivitajiet nukleari jew tal-missili ballistiċi u persuni u entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran.", is-subintestatura "A. Persuni" jitħassru l-entrati li ġejjin:

"46. Mohammad ESLAMI

47. Reza-Gholi ESMAELI

48. Mohsen HOJATI

49. Naser MALEKI

50. Mohammad Baqer ZOLQADR

51. Ali Akbar AHMADIAN

52. Mehrdad AKHLAGHI-KETABACHI

53. Fereidoun ABASSI-DAVANI

54. Ahmad DERAKHSHANDEH

55. Morteza REZAIE

56. Ahmad Vahid DASTJERDI";

(2) taħt l-intestatura "I. Persuni u entitajiet involuti fl-attivitajiet nukleari jew tal-missili ballistiċi u persuni u entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran.", is-subintestatura "B. Entitajiet" jitħassru l-entrati li ġejjin:

"174. Naval Defense Missile Industry Group

175. Defense Technology and Science Research Centre

176. Electro Sanam Company

177. Ettehad Technical Group

178. Fajr Industrial Group

180. 7 th of Tir

181. Amin Industrial Complex

182. Ammunition and Metallurgy Industries Group (AMIG)

183. Armament Industries Group (AIG)

184. Defense Industries Organization (DIO)

185. Kaveh Cutting Tools Company

186. Khorasan Metallurgy Industries

187. Shahid Sayyade Shirazi Industries

188. Joza Industrial Co.

189. Kalaye Electric Company (KEC)

190. M Babaie Industries

191. Malek Ashtar University

192. Mizan Machinery Manufacturing

193. Niru Battery Manufacturing Company

194. Safety Equipment Procurement Company

195. Sanam Industrial Group

196. Special Industries Group (SIG)

197. Yazd Metallurgy Industries (YMI)

198. Qods Aeronautics Industries

199. Shahid Baheri Industrial Group (SBIG)

200. Shahid Hemmat Industries Group (SHIG)

201. Shahid Kharrazi Industries

202. Shahid Sattari Industries Group (SSIG)

203. Ya Mahdi Industries Group";

(3) taħt l-intestatura "II. Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC)", is-subintestatura "A. Persuni", jitħassru l-entrati li ġejjin:

"20. Ali Akbar TABATABAEI

21. Azim AGHAJANI

22. Morteza BAHMANYAR

23. Mohammad Mehdi Nejad NOURI

24. Yahya Rahim SAFAVI

25. Mohammad Reza ZAHEDI"

(4) taħt l-intestatura "II. Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC)", is-subintestatura "B. Entitajiet", jitħassru l-entrati li ġejjin:

"13. Fater Institute

14. Gharagahe Sazandegi Ghaem

15. Ghorb Karbala

16. Khatam al-Anbiya Construction Headquarters

17. Makin Institute

18. Rah Sahel

19. Rahab Engineering Institute

20. Sepasad Engineering Company

21. Sho'a' Aviation

22. Behineh Trading Co.

23. Ghorb Nooh
24. Hara Company
25. Omran Sahel
26. Oriental Oil Kish
27. Pars Aviation Services Company
28. Sahel Consultant Engineers
29. Imensazan Consultant Engineers Institute
30. Yas Air".